Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1264

3.10.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1264

tas-27 ta' Ġunju 2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut minimu tal-politika u tal-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwidità fir-rigward ta' ċerti emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(7), ir-raba' subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 35(4) u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2023/1114, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45(3) ta' dak ir-Regolament japplikaw mhux biss għall-emittenti tat-tokens sinifikanti rreferenzjati ma' assi, iżda wkoll għall-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu tokens sinifikanti tal-flus elettroniċi u, fejn meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, għall-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi li mhumiex sinifikanti u għall-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu tokens tal-flus elettroniċi li mhumiex sinifikanti.

(2) F'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1114, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kontenut minimu tal-politika tal-ġestjoni tal-likwidità u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi, li tiżgura li l-valur tar-riżerva tal-assi jkun jista' jissodisfa t-talbiet għat-tifdija mid-detenturi ta' tali tokens f'xenarji normali u ta' stress, biex tiġi żgurata l-kontinwità normali tan-negozju. Sabiex jissodisfaw it-talbiet għat-tifdija, jenħtieġ li l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi jagħtu attenzjoni partikolari lill-volatilità tal-assi referenzjati fir-rigward tar-riżerva ta' assi u jenħtieġ li jwettqu analiżi sussegwenti tas-sovrakollateralizzazzjoni meħtieġa. Għall-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju tal-kontroparti, jenħtieġ li l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi jevitaw riskji ta' konċentrazzjoni tal-kustodji tar-riżerva ta' assi.

(3) L-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi jenħtieġ li jistabbilixxu pjan ta' kontinġenza għal-likwidità, b'sinjali ta' twissija bikrija u għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-likwidità. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi jimmonitorjaw bħala sinjal ta' twissija bikrija l-volatilità tal-assi referenzjati fir-rigward tar-riżerva tal-assi u l-evoluzzjoni ta' kwalunkwe diskrepanza bejn il-valur tas-suq tat-tokens u l-valur tas-suq tal-assi referenzjati, sabiex jiġu antiċipati talbiet għat-tifdija potenzjali sinifikanti, b'mod partikolari fid-dawl ta' kwalunkwe sottovalutazzjoni potenzjali tal-valur tas-suq tat-tokens fis-suq. Minħabba li sopravalutazzjoni tal-valur tas-suq ta' token tista' toħloq inċentiv biex jinbiegħ, jenħtieġ li l-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew ta' tokens tal-flus elettroniċi joqogħdu attenti għall-volumi u għall-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet sabiex ikunu lesti jirreaġixxu għal kwalunkwe evoluzzjoni avversa fis-suq tat-tokens.

(4) Peress li riżerva ta' assi għal token irreferenzjat ma' assi jew token tal-flus elettroniċi hija segregata minn riżerva ta' assi ta' tokens oħrajn, il-politika u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità relatati ma' kull waħda minnhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll b'mod separat.

([1]) ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-assi ta' riżerva jkollhom profil ta' likwidità reżiljenti li jippermetti lill-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi jkomplu joperaw normalment anki f'xenarji ta' stress tal-likwidità, jenħtieġ li fil-politika tal-ġestjoni tal-likwidità tiġi inkluża deskrizzjoni dettaljata tar-riskji koperti, il-parametri identifikati u l-kalibrazzjoni tagħhom għall-finijiet tal-ittestjar tax-xenarji ta' stress tal-likwidità. Ir-rieżami ta' dik l-informazzjoni, li jenħtieġ li tiġi aġġornata għal kull eżerċizzju ta' ttestjar tal-istress tal-likwidità, huwa mistenni li jippermetti lis-superviżuri jiddeċiedu dwar miżuri xierqa għat-tisħiħ tar-rekwiżiti tal-likwidità tal-emittenti jekk ikun meħtieġ.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji, żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, ippreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(7) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-emittenti li ġejjin tat-tokens irreferenzjati ma' assi u tat-tokens tal-flus elettroniċi:

(a) emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti;

(b) l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti;

(c) emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi li mhumiex sinifikanti, meta meħtieġ minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 35(4) tar-Regolament (UE) 2023/1114;

(d) l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li joħorġu tokens tal-flus elettroniċi li ma jkunux sinifikanti, meta meħtieġ minn awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2023/1114.

Artikolu 2

Politiki u proċeduri għall-identifikazzjoni, għall-kejl u għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità

1. Il-politiki u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità għandhom jinkludu strateġiji robusti, u proċessi għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar intern tar-riskju tal-likwidità fuq sett ta' perjodi ta' żmien biex ikun rifless b'mod xieraq dak ir-riskju.

2. Il-politiki u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità għandhom jiżguraw li jinżammu livelli adegwati ta' assi ta' riżerva sabiex jiġu ssodisfati talbiet għat-tifdija mid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew ta' tokens tal-flus elettroniċi fi kwalunkwe mument, inkluż f'xenarji ta' stress.

3. Il-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwidità għandhom ikunu proporzjonati għall-kumplessità, għall-profil tar-riskju u għall-ambitu tal-operat tal-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi.

Il-korpi maniġerjali tal-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom japprovaw il-politiki u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità u għandhom jistabbilixxu livelli ta' tolleranza tar-riskju għal kull token irreferenzjat ma' assi jew token tal-flus elettroniċi.

Il-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwidità għandhom jirriflettu r-riskji tal-likwidità attwali u mistennija tal-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi għandhom jimmonitorjaw dawk ir-riskji fuq bażi kontinwa. Dak il-monitoraġġ għandu jinkludi dawn li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni ta' depożiti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, tal-istrumenti finanzjarji likwidi ħafna u ta' kwalunkwe assi ta' riżerva ieħor;

(b) l-iffissar tal-kriterji biex jiġi ddeterminat il-valur tas-suq tal-assi ta' riżerva;

(c) il-valutazzjoni tar-riskju tal-konċentrazzjoni, l-affidabbiltà kreditizja u s-soliditá tal-likwiditá, kif ukoll il-limiti u l-orizzonti ta' żmien ta' tali riskji, u l-konsistenza tal-muniti;

(d) it-tekniki biex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-valur tar-riżerva tal-assi fir-rigward tal-assi referenzjati.

4. L-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jistabbilixxu arranġamenti għall-ġestjoni tajba tar-riskju tal-likwiditá matul l-istess jum. Dawk l-arranġamenti għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet u r-riżorsi mistennija ta' likwiditá matul l-istess jum;

(b) l-istabbiliment ta' proċessi u proċeduri koerenti mal-profil tal-emittent tat-token irreferenzjat ma' assi jew tat-token tal-flus elettroniċi u s-sitwazzjoni kontinġenti u mistennija tas-suq.

5. L-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jimmonitorjaw l-assi ta' riżerva tagħhom biex jiżguraw li jkunu disponibbli biex ikopru l-valur tal-assi referenzjati minn tali tokens f'kull ħin, inkluż matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tas-sovrakollateralizzazzjoni, b'mod partikolari meta l-assi li jirreferu għalihom it-tokens ikunu volatili ħafna jew ma jiffurmawx parti mir-riżerva ta' assi.

6. L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi għandhom jimmonitorjaw, fuq bażi regolari, il-ħatra ta' kustodji tal-assi ta' riżerva kif imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2023/1114, il-politiki ta' kustodja u l-arranġamenti kuntrattwali relatati.

7. L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi għandu jkollhom fis-seħħ miżuri speċifiċi u għandhom jistabbilixxu limiti interni biex jevitaw il-konċentrazzjoni tar-riżerva ta' assi minn kustodju.

8. L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi li jirreferu mill-inqas għal assi wieħed li mhuwiex munita uffiċjali għandhom jistabbilixxu proċessi u proċeduri sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn każijiet li fihom ir-riżerva ta' assi ma tkunx magħmula mill-assi referenzjati inklużi arranġamenti għall-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' strumenti derivattivi jew strumenti li jittraċċaw l-assi referenzjati.

Artikolu 3

Politika ta' kontinġenza u għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-likwiditá

1. Bħala parti mill-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwiditá, l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jiżviluppaw u jikkalibraw b'mod xieraq sinjali ta' twissija bikrija. Dawk is-sinjali għandhom jinkludu t-twissijiet li ġejjin:

(a) għal devjazzjonijiet massimi bejn il-valur tas-suq tar-riżerva ta' assi u l-valur tas-suq tal-assi referenzjati mit-tokens;

(b) għal devjazzjonijiet massimi bejn il-valur tas-suq tat-tokens u l-valur tas-suq tal-assi referenzjati mit-tokens.

2. L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi għandu jkollhom fis-seħħ u jirrieżaminaw regolarment għodod differenti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-likwiditá, inkluż aċċess adegwat għal sorsi ta' finanzjament diversifikati, biex jirreaġixxu għal kwalunkwe sinjal ta' twissija bikrija, f'xenarji normali u ta' stress.

3. L-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jaġġustaw l-istrateġiji, is-sinjali ta' twissija bikrija, il-politiki interni u l-limiti tagħhom fuq ir-riskju tal-likwiditá, u jiżviluppaw pjanijiet effettivi ta' kontinġenza tal-likwiditá biex jitqiesu l-eżiti tat-testijiet regolari tal-istress.

4. Meta japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3, l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandu jkollhom id-dokumentazzjoni ta' politika li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-linji ta' responsabbiltajiet għat-tfassil, l-approvazzjoni, il-monitoraġġ, l-eżekuzzjoni u l-aġġornament tal-pjan ta' kontinġenza għal-likwidità;

(b) deskrizzjoni tal-istrateġiji biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' likwidità f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

(c) deskrizzjoni tal-għodod, li tinkludi l-limiti interni stabbiliti fil-proċeduri għall-identifikazzjoni, il-kejl u l-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità skont l-Artikolu 2, għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tas-suq li jippermettu lill-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi jiddeterminaw, fil-ħin, jekk humiex ġustifikati l-eskalazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-miżuri, jew it-tnejn li huma.

Artikolu 4

Segregazzjoni tal-politika u tal-proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità

1. L-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 separatament għal kull token irreferenzjat ma' assi jew token tal-flus elettroniċi. Il-proċeduri għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni u r-rapportar tar-riskju tal-likwidità, il-politiki ta' kontinġenza u l-għodod ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-likwidità, il-limiti tar-riskju, l-għodod u l-istrateġiji ta' ġestjoni tal-likwidità msemmija f'dawk l-Artikoli għandhom jiġu stabbiliti, fil-kontenut u fil-forma, filwaqt li jitqiesu l-assi differenti referenzjati mit-token irreferenzjat ma' assi jew it-token tal-flus elettroniċi differenti u l-korrelazzjoni tagħhom mar-riżerva segregata rilevanti ta' assi.

2. Il-politika u l-proċeduri għall-ġestjoni tal-likwidità speċifikati f'dan ir-Regolament għandhom ikunu separati, fil-kontenut u fil-forma, mill-politika u mill-proċeduri tal-likwidità relatati mal-ħruġ ta' tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi.

Artikolu 5

Proċess u proċeduri għall-ittestjar ta' xenarji ta' stress ta' likwidità

1. Fil-politika tal-ġestjoni tal-likwidità tagħhom, l-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi jew tat-tokens tal-flus elettroniċi għandhom jinkludu l-proċess u l-proċeduri għall-ittestjar tax-xenarji ta' stress tal-likwidità u l-informazzjoni li ġejja dwar kull test tal-istress:

(a) riskji koperti fl-ittestjar tal-istress tal-likwidità;

(b) il-parametri kkunsidrati, il-kalibrazzjoni tagħhom taħt stress, u x-xenarji ta' stress u l-perjodi ta' żmien użati fl-ittestjar tal-istress ta' likwidità;

(c) *data* storika u suppożizzjonijiet, inkluż kwalunkwe ġudizzju espert, ikkunsidrati mill-emittent fil-kalibrazzjoni tal-parametri msemmija fil-punt (b);

(d) l-eżitu tal-ittestjar tal-istress ta' likwidità u kwalunkwe rimedju meħud.

2. L-ittestjar tal-istress ta' likwidità għandu jinkludi element tat-test tal-istress invertit biex jivvaluta l-limitu ta' reżiljenza tal-profil tal-likwidità ta' kull riżerva ta' assi.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN